TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 439/11/GZ

**Guza Xuereb**

**vs**

**Borg Repairs & Spares**

Illum 30 ta' Mejju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Ottubru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), rapprezentanti l-prezz ta' 'tumble dryer', liema 'tumble dryer' ir-rikorrenti kienet baghtet ghand is-socjeta' ghat-tiswija, wara liema tiswija, hija nghatat 'tumble dryer' differenti, u cioe' 'tumble dryer' li ma kienitx taghha.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kellha t-'tumble dryer' bil-hsara u ghalhekk cemplet lis-socjeta' ntimata, liema socjeta' ntimata kienet marret ghand ir-rikorrenti sabiex issewwi l-imsemmija 'tumble dryer'. Meta s-socjeta' ntimata kienet marret sabiex taghmel tali tiswija, hija qalet illi sabiex issewwi l-magna hija kellha tehodha lura ghand il-'work shop' taghha. Wara xi zmien u wara li r-rikorrenti cemplet lis-socjeta' ntimata diversi drabi, l-istess socjeta' ntimata kienet irritornat it-'tumble dryer', pero' din ma kienitx it-'tumble dryer' tar-rikorrenti, u ghalhekk hija ma accettathiex.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija baghtet lura t-'tumble dryer' tar-rikorrenti ghaliex il-partijiet ma kienux qablu li tissewwa. Malli hija waslet biha, u r-rikorrenti ratha, hija qalet li ma kienitx taghha. L-impjegat tas-socjeta' ntimata li kien irritorna t-'tumble dryer' in kwistjoni kien staqsa lir-rikorrenti jekk kellhiex xi 'manual' taghha u r-rikorrenti kienet gabet il-'manual', liema 'manual' kien juri li t-'tumble dryer' hija tal-marka 'Philco', u ghalhekk ezatt bhal ma s-socjeta' ntimata kienet tat lura lir-rikorrenti, pero' hija baqghet tinsisti illi ma kienitx taghha.

Is-socjeta' ntimata hija certa li t-'tumble dryer' hija tar-rikorrenti, u li ma nbidlitx ma' magna ohra, ghaliex l-ewwelnett is-socjeta' ntimata ma kellhiex magna ohra ta' dik id-ditta, u tieninett, meta s-socjeta' tigbor xi 'appliance' minghand il-klijenti, hija timla 'job sheet' li tkun innumerata u dak in-numru jitnizzel fuq l-'appliance' in kwistjoni. Tieletnett, li kieku inbidlet il-magna in kwistjoni, bhal ma qed tghid ir-rikorrenti, din kienet tikkrea problema ohra ma' klijenti ohrajn a bazi tal-fatt li nbidlet il-magna taghhom ukoll.

Is-socjeta' ntimata titlob lir-rikorrenti sabiex tipprovdiha bil-'manual' tat-'tumble dryer' taghha, minn fejn jirrizulta s-'serial number', liema numru jkun jinsab ukoll fuq it-'tumble dryer' stess.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u ziedet tghid illi stante li t-'tumble dryer' li nhadet lura ghandha minghand is-socjeta' ntimata ma hijiex it-'tumble dryer' taghha, hija ma accettathiex u sadanittant hija xtrat magna ohra u trid il-flus lura.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tal-'job sheet' mahrug minghand is-socjeta' ntimata, flimkien ma' karta li turi d-ditta u n-numru tat-'tumble dryer' taghha ('Philco' DN500), liema dokumenti gew immarkati bhala Dok.GX1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub

Is-socjeta' ntimata ezebiet sett ta' disgha (9) ritratti ta' l-imsemmija 'tumble dryer', fuq talba ta' dan it-Tribunal, liema ritratti juru bic-car id-ditta u s-'serial number' ta' l-istess 'tumble dryer' ('Philco' DN500).

Illi ghalhekk, it-Tribunal jista' jikkonkludi b'certenza assoluta u minghajr ebda dubju jew xi hjiel ta' l-istess, illi t-'tumble dryer' li qieghda fil-pussess tas-socjeta' ntimata, u dana stante illi r-rikorrenti kienet allegat li ma kienitx it-'tumble dryer' taghha u ghalhekk ma kienitx accettatha, hija fil-fatt it-'tumble dryer' tar-rikorrenti, hekk kif

jirrizulta ampjament car mill-provi prodotti, b'dana illi t-'tumble dryer' li r-rikorrenti kienet baghtet ghat-tiswija kienet tal-marka 'Philco' bis-'serial number' DN500, u t-'tumble dryer' li ma kienitx giet accettata minghand ir-rikorrenti u li ghalhekk ghadha fil-pussess tas-socjeta' ntimata hija tal-marka 'Philco' bis-serial number DN500.

Illi t-Tribunal ma jistax ma josservax illi r-rikorrenti fl-ebda mument ma ezebiet xi rcevuta, li permezz taghha setghat b'xi mod tiggustifika l-ammont tat-talba taghha.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jhoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid jaqla' lira minn fuq dar haddiehor. Is-socjeta' ntimata ma naqqset bl-ebda mod fis-servizzi taghha, u d-decizjoni illi r-rikorrenti qabdet u xtrat 'tumble dryer' gdida kienet decizjoni li ttiehdet minnha stess minghajr ebda ness ma' xi nuqqas ta' servizz da parti tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal ghal dawn ir-ragunijiet qed isib it-talba tar-rikorrenti manifestament frivola u vessatorja u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrenti, u qed jordna lir-rikorrenti thallas l-ammont ta' hamsin Ewro (€50.00) bhala penali lis-socjeta' ntimata, u qed tordna lis-socjeta' ntimata tirritorna t-'tumble dryer' tal-marka 'Philco' bis-'serial number' DN500 lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**